MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1345/2003

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' David Galea u l-istess David Galea**

**vs**

**Lara Anne Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Lulju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u dsatax il-lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm719.73) rapprezentanti danni kawzati f'incident awtomobilistiku tat-12 ta'Lulju 2002, f'San Gwann, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABI 102 misjuqa mill-attur David Galea u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABI 407 misjuqa mill-konvenuta ghal-liema ncident il-konvenuta kienet unikament responsabbli.

Bl-ispejjes, komprizi Lm11.50 ta' konsult, u dawk tal-ittra uffficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-
Illi t-talba attrici fil-konfronti taghha hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi stante li l-incident de quo sehh minghajr ebda htija tal-konvenuta kif jista' jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda tala-ttur, tal-konvenuta u ta' Ramona Cuschieri. Ha konjizzjoni tac-cirjostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Lulju 2002 fil-Wied Ghomor, San Gwann bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABI 102 misjuqa milla-ttur David Galea u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABI 407 misjuqa mill-konvenuta. L-attur kien tielgha l-Wied gej mis-Swieqi u sejjer fid-direzzjoni tal-San Gwann filwaqt li l-konventua kienet gejja mid-direzzjoni opposta. L-attur spjega li meta wasal fil-kurva giet il-vettura tal-konvenuta mid-direzzjoni opposta, dahlet parzjalllment fil-karreggjata tieghu u sehhet il-habta. Il-konvenuta min-naha l-ohra tghid li kient qed issuq fil-Wied imsemmi, sejra lejn Paceville meta l-vettura taghha skiddjat u baqghet diehla fil-vettura tal-attur li kien gej mid-direzzjoni opposta. Hija tghid ukoll li meta harget mill-vettura ndunat li kienet skiddjat peress li kien hemm iz-zejt fit-triq.

Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident de quo u dan ghas-segwenti ragunijiet:-
Mill-iskizz esebit a fol. 21 jirrizulta li filwaqt li l-attur kien qed isuq kompletament fuq sajdu, il-vettura tal-konvenuta

tidher li qeghda parzjalment fuq il-karreggjata tal-attur. Dan ifissser li l-konvenuta kienet qed issuq on the crown of the road fi triq dejqa u b'hafna liwjet.
Il-konvenuta ppruvat tiggustifika dan il-fatt billi ssostni li l-vettura taghha skiddjat minhabba xi zejt li kien hemm fit-triq.
Irid jigi rilevat li mill-verzjoni li tat il-konvenuta 'a tempo vergine' hekk kif riportata fir-Road Accident Report ma jirrizultax li hija kienet semmiet xi zejt fit-triq – "Driver of vehicle ABI 407 stated that as she was proceeding down the valley as reaching the curve observed another vehicle coming from opposite direction applied the brakes but her car kept moving down and collision occurred". It-Tribunal huwa aktar propens li jemmen il-verzjoni moghtija mill-konvenuta 'a tempo vergine' anki ghaliex is-Surgent li nvestiga l-kaz ma rrilevax li kien hemm xi zejt fit-triq. Inoltre l-attur cahad li ra xi zejt wara l-incident.
It-Triibunal jidhirlu li s-emplici fatt li l-vettura tal-konvenuta skiddjat m'hijiex gustifikazzjoni ghal fatt li hija kienet qed issuq 'on the crown of the road' u spiccat biex invadiet paarzjalment il-karreggjata tal-attur. Hija ghalhekk ghandha titqies unikament responsabbli ghall-incident stradali tat-12 ta' Lulju 2002.

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvneuta u fi kwlaunkwe kaz l-atturi esebew l-ircevuti relattivi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u dsatax il-lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm719.73), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------